MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 431/2004

**Annunziata Tabone**

**Vs**

**Aldo Grech**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` tlett mija u tmenin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm380.54c) rapprezentanti zewg terzi mid-danni li sofriet l-attrici meta l-konvenut waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta` registrazzjoni EAV229 fit-3 ta` Awissu 2003, gewwa Birzebbugia naqas milli jieqaf fuq *stop sign* u jaghti dritt lis-sewwieq l-iehor u cioe` Kenneth Tabone li kien fuq il-lemin tieghu f'salib it-toroq b'rizultat li huwa habat mal-vettura bin-numru ta` registrazzjoni IAM258 proprjeta` tal-attrici u kkaguna danni fuq l-istess vettura. Dan l-incident

huwa ghalih responsabbli l-konvenut fil-grad ta` zewg terzi u dan stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat billi missu waqaf f'salib it-toroq biex jaghti d-dritta lis-sewwieq Kenneth Tabone li kien fuq il-lemin tieghu u li kien ukoll dak il-hin hiereg minn fuq *stop sign*.

Ra r-risposta tal-konvenut li biha wiegeb li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici stante illi l-incident *de quo* sehh minghajr ebda htija da parti tal-konvenut izda sehh unikament b'negligenza, traskuragni, imperizja jew nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta` Kenneth Tabone li kien qed isuq il-vettura tal-attrici fil-hin tal-incident kif jista` jigi provat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema` x-xhieda ta` ex PS134 Joseph Attard, Aldo Grech, Anthony Roberts u Kenneth Tabone.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema` t-trattazzjoni ta` Dr Louis Bianchi ghall-attrici u Dr Ramona Frendo ghall-konvenut.

**Ikkonsidra**

Illi l-kawza tirrigwarda kollizjoni li sehhet Birzebbugia f'salib it-toroq bejn Triq F M Ferritti u Triq Herakles.

Kenneth Tabone li kien qed isuq il-vettura tal-attrici u cioe` l-vettura bin-numru ta` registrazzjoni IAM258 u kien qed isuq minn Triq Herakles. Fl-inkrocju ma` Triq F M Ferritti hemm *stop sign* miktuba fl-art tat-triq u anke hemm tabella appozita li tindirizza lis-sewwieqa li ghandhom jieqfu. *Ex admissis* Tabone ma waqafx fl-*stop sign* izda baqa` hiereg u meta hareg ra vettura gejja minn naha tax-xellug tieghu u effettivament spicca biex habat mal-genb tan-naha tad-driver mal-vettura l-ohra bil-parti frontali tal-karozza tieghu.

Tabone jsostni illi huwa jaf l-inhawi u jaf li minn fejn kienet gejja l-vettura l-ohra hemm *stop sign* miktub fl-art tat-triq u ghalhekk ippretenda li l-karozza l-ohra kellha tieqaf u ghalhekk jikkontendi li huwa m'ghandux ibati t-tort ghall-incident wahdu.

Il-konvenut kien gej minn Triq F M Ferritti u wkoll jammetti li ma waqafx fl-inkrocju ma` Triq Herakles izda l-konvenut isostni illi huwa ma kellux ghalfejn jieqaf, ma hemm l-ebda *stop sign*.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi fl-inkrocju in kwistjoni kien hemm hafna tahwid u tizgwid u li din ma kienitx l-unika kollizzjoni li sehhet fil-lokalita'. Jirrizulta illi antikament kien hemm *stop sign* minn fejn kien gej il-konvenut izda l-Kunsill Lokali ha decizjoni illi jnehhi din l-*stop sign* u b'hekk kien zebghuha bl-iswed, izda gara illi bit-traffiku, z-zebgha sewda bdiet titqaxxar u inkixfet iz-zebgha bajda tal-kelma *stop*. Tabone jsostni li fil-mument li sehh l-incident il-kelma biz-zebgha bajda *stop* kienet tidher u in sostenn esebixxa r-ritratti a` fol 29 et seq tal-process.

L-attur qieghed jipprova jigbed argument illi billi din iz-zebgha bajda kienet kemm kemm tidher, il-konvenut kien obbligat li jieqaf u jobdi dak li hemm miktub fuq it-triq.

Sabiex tigi determinata l-kwistjoni wiehed ghandu jara fl-ewwel lok jekk iz-zewg toroq huma toroq ta importanza ugwali jew jekk Triq Ferritti, fir-rigward tat-Traffiku li gej minn Triq Heracles, hiex triq principali.

Din d-distinzjoni hija importanti ghaliex minn hemm jiskattaw ir-responsabilitijiet reciproci taz-zewg sewwieqa.

<u>Inkrocju bejn zewg toroq ta` importanza ugwali</u>

Hekk fir-rigward ta` nkrocju bejn zewg toroq ta` importanza ugwali tajjeb li ssir referenza ghas-sentenza **Bonnici vs Montebello** (PA 18534/00 16.01/2003) fejn il-Qorti qalet hekk:
"Illi f'kazijiet bhal dawn meta hemm zewg versjonijiet dwar l-akkadut din il-Qorti trid timxi fuq dik il-versjoni li hija l-

aktar verosimili fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u dan ukoll sabiex tistabbilixxi l-kawza prossima tal-istess incident.

Ili huwa sintomatiku li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino"** deciza fil-15 ta' Jannar 1997 qalet illi: *"... f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabilita` ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta' dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima w immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu.*

*F'materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabilita` u mhux l-ekwita` u gudizzju approssimattiv. Huma dawn irregolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta' l-istess regolamenti, li wahdu jista' jipprevjeni l-incidenti."*

Illi tenut kont ta' dan kollu hija l-opinjoni ta' din il-Qorti, li l-istess sewwieqa kienu ghaddejjin minn zewg toroq ta' importanza ugwali, u li iz-zewg sewwieqa naqsu li jiehdu l-prekawzjonijiet necessarji kemm qabel ma waslu ghall-istess inkroccju, b'dan li meta fil-fatt waslu ghall-istess kien tard wisq sabiex jigi evitat l-istess incident.

Illi fil-fatt jidher li l-assikurata tas-socjeta` attrici, la darba li hija iddecidiet li hija riedet tmur ghal triq fuq ix-xellug taghha, hija minn go l-istess triq li kienet fiha bdiet tikser fuq ix-xellug taghha, mentri l-konvenut ma baqax strettament fuq in-naha tieghu tat-triq, b'mod li hadd mis-sewwieqa ma kien kawt bizzejjed sabiex\ikun f'posizzjoni li jieqaf u jevita is-sinistru mat-traffiku li jkun ghaddej mit-triq l-ohra rispettiva.

Illi in vista ta' dan ma hemm l-ebda dubju li z-zewg sewwieqa involuti f'dan is-sinistru ghandhom jinzammu responsabbli ghall-istess incident, u dak li ser jiddittermina l-porzjoni u l-grad ta' responsabilita` ta' kull wiehed jew wahda minnhom huwa ir-***regolament 93 tal-Highway Code*** ezistenti fid-data tal-incident li kien jghid li *"At an*

*intersection or junction of roads of equivalent traffic importance, where vehicles approach the intersection or point of junction simultaneously priority should, unless otherwise indicated, be accorded to vehicles on the left".* Dan ghaliex tali regolament tbiddel biss bl-avviz legali relattiv b'effett mill-1 ta' Ottubru 2000, u ghalhekk fiz-zmien tal-incident kien ghadu *in vigore* r-regolament fuq indikat.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma hemm xejn mill-provi prodotti x'jista' jvarja l-grad ta' responsabilita` fuq indikat tenut kont ta' kif gabu ruhhom l-istess sewwieqa fl-investiment tal-vettura taghhom, stante li jidher li z-zewg sewwieqa ma uzawx il-prudenza necessarja sabiex jirregolaw is-sewqan taghhom b'mod prudenti kemm huma u javvicinaw l-istess inkrocju, u kemm meta waslu fl-istess inkrocju, b'dan li t-tnejn li huma irrendew l-istess sinistru inevitabbli. Illi fil-kawza fl-ismijiet "**Dottor Louis Bianchi noe et vs Anthony Zammit**" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Frar 1997 dik l-Onorabbli Qorti qalet illi: *"Hu car li dan ukoll bhal konvenut kien qed jersaq lejn l-inkrocju ta' salib it-toroq format minn toroq ta' importanza ugwali u li allura ma kien jaghti lill-ebda wiehed miz-zewg drivers ir-"right of way" fuq l-iehor.*

*Kien ovvjament dmir taz-zewg "drivers" li jersqu lejn dan l-inkrocju b'attenzjoni kbira u li jiehdu dawk ilprekawzjonijiet kollha mehtiega mir-regolamenti u miccirkostanzi ambjentali biex jinnavigawh bil-galbu. Kull wiehed mis-sewwieqa hu obbligat li jirrallenta l-velocita' ghall-minimu waqt li jkun riesaq lejn l-inkrocju u anke jekk mehtieg jieqaf kompletament bhala process obbligat biex jzomm il-"proper look out" qabel ma jibda jittraversa salib it-toroq. Dan ghax hu kjarament dmir ta' kull driver li jkun ser jittraversa inkrocju li jaccerta ruhu li ma jkun gej l-ebda traffiku minn l-ebda direzzjoni mit-tlett toroq l-ohra li seta' jfixkel appena jirfes fl-inkrocju. Fi kliem iehor kull sewwieq li ma jkunx ha dawn il-prekawzjonijiet elementari jkun qieghed jittanta jaqsam inkorcju b'mod traskurat u nkonsult u jkun qieghed jikkontribwixxi ghas-sinistru. Ikun qieghed ipoggi lilu nnifsu li ikkontribwixxa ghall-kawza prossima u mmedjata ta' l-incident li ma kienx jigri li kieku*

*hu ma sabx ruhu f'dik il-posizzjoni u li kieku sewwa osserva rregolamenti tas-sewqan li l-prudenza kienet tiddettalu.*

*Il-gravita' ta' kif dawn ir-regolamenti kienu gewmiksurin u tal-mod negligenti kif iz-zewg "drivers"involuti fl-incident ikunu ddecidew li jittraversaw linkrocjunaturalment jiswew biex fuqhom jigi determinat il-grad ta' responsabilita'. Imma dan ma jnaqqas xejn mill-konkluzjoni inevitabbli illi jkunu zzewg drivers li jkunu involuti fil-kollizzjoni li jkunu f'xi grad naqsu li josservaw ir-regolamenti tat-traffiku u li allura jkunu t-tnejn mghobbija b'xi grad ta' responsabilita'."*

Illi din il-Qorti, diversament preseduta fil-kawza flismijiet "**Middle Sea Insurance Company Limited vs Brian Camilleri**" deciza fid-29 ta' Jannar 1999 qalet illi: *"zewg drivers meta javvicinaw salib it-toroq iridu jiehdu l-prekawzjonijiet kollha necessarji biex jevitaw kollizzjoni, u li jekk jonqsu minn dan id-dover, it-tnejn iridu jbaghtu parti mit-tort. Dan il-punt gie spjegat fil-kawza, **"Carmel Bellizzi pro et noe vs Joseph Vella"** fejn il-Qorti kienet qalet: "Kif irritenew ripetutament il-Qrati taghna, jinkombi indistintament lil kull sewwieq li jkun qed jersaq lejn inkrocju format minn zewg toroq ta' l-istess importanza li jipprocedi bil-mod ferm u ma jittraversax dan l-inkrocju qabel ma jaccerta ruhu bl-akbar cirkospezzjoni li l-ebda vettura ohra ma tkun riesqa hija wkoll lejn listess inkrocju sia' fuq il-lemin, aktar u aktar fuq ixxellug tieghu mhabba l-precedenza fir-Reg 68 tal-M.V.R. Infatti, sakemm ma jasalx fl-inkrocju u ma jesplorax diligentement, ebda sewwieq li jkun bi hsiebujittraversa ma jista' jkun jaf minn qabel minn liema naha u taht liema cirkostanzi tista' titfaccalu vettura ohra u, kwindi, tispettax lilu jew le d-dritta.*

*Kull sewwieq, ghalhekk, li jonqos minn dan id-dmir strett tieghu ghandu jitqies li jkun ikkontribwixxa ghal kull eventwali kollizzjoni li tista' tivverifika ruhha, b'dan biss li, fid-determinazzjoni tal-grad ta' htija ta' kul wiehed miz-zewg sewwieqa li jkunu naqsu t-tnejn mid-dmir predett, jista' jittiehed in konsiderazzjoni r-right of way preskritt mill-imsemmi regolament 68 tal- M.V.R."* (Ara sentenzi

**"Zahra vs Polidano"** - P.A. 22 ta' Marzu 1972; **"England noe vs Zammit" -** P.A. 16 ta' Mejju 1973).

*Din ir-regola ta' precedenza lit-traffiku fuq ix-xellug mhix wahda li tkun tezisti "a priori", imma wahda li tirradika ruhha biss wara li d-drivers ikunu raw lil xulxin u stabbilew min minnhom qieghed fuq ix-xellug ta' liehor.*

*Biex, wara li s-sewwieqa jkunu raw lil xulxin, ikollhom l-opportunita' li jcedu d-dritta lil min tkun tispetta, jkun mehtieg li huma jkunu qed isuqu bi speed tali li jippermettilhom li tempestivament jirreagixxu u jieqfu halli jkunu jistghu jcedu d-dritta. Bi speed baxx u look-out assidwu biss jistghu jigu evitati incidenti f'inkrocji bhal dawn."* Illi dawn il-principji kollha gew ikkonfermati fissentenza **"Socjeta` Citadel Insurance p.l.c. vs Alan Muscat"** (P.A. (RCP) 25 ta' Mejju 2000)."

Illi tenut kont tal-premess, *all things being equal*, jekk z-zewg toroq jitqiesu bhala toroq ta importanza ugwali r-responsabilita ghal-kollizjoni tkun kwantu ghal 2/3 : 1/3 favur d-driver "on the right" u cioe' favur Tabone billi l-kollizjoni sehhet wara Ottubru 2002 u dan in sostenn tal-principju li *right is right.*

<u>Jekk Triq Herakles hija sekondarja ghal-Triq Ferritti</u>

Jekk Triq Herakles hija sekondarja ghal Triq Ferritti r-rizultat jkun differenti. Tajjeb li ssir referenza ghal-insenjament tal-Qorti ta l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza **GasanMamo vs Vella Citazz 451/03PS tat-22.06.2005:**

"Huwa ovvju minn dan il-kwadru tal-fatti illi l-ewwel konsiderazzjoni li trid issir tirrigwarda l-importanza relativa taz-zewg toroq. Fuq dan il-punt il-gurisprudenza taghna tipprovdi dawn l-insenjamenti:-

(i) B' abbracc ta' l-enuncjazzjoni fl-Appell Kriminali "**The Police -vs- Jack Morris**", 24 ta' Lulju 1937, jinghad li "l-ligi taghna ma tenunzja strettament ebda regola ta' kif ghandhom jigu kwalifikati '*major*' u '*minor road*'. In-nozzjoni ta' dina d-differenza hija relattiva, u '*the same*

*road may be a major road with regard to a particular intersection with another road, and a minor road with regard to another intersection with a different road*'" - "**John Mary Gauci -vs- Victor Urry**", Qorti Civili, Prim' Awla, 7 ta' Mejju 1966 (**Kollez. Vol. L P II p 194**);

(ii) "Fir-regolamenti ma hemmx definizzjoni specjali ta' '*major*' u ta' '*minor road*', u triq hija *major* biss in relazzjoni ghal dawk it-toroq l-ohra li jikkonvergu fuqha. Kwindi zewg *minor roads* ta' importanza ugwali huma *major* in relazzjoni ghal xulxin u b' hekk jibqghu ugwali. Minn dan jidher li l-punt li jrid jigi deciz huwa jekk iz-zewg toroq in kwestjoni humiex ta' importanza ugwali; dan, in bazi ghall-wisgha taz-zewg toroq, il-volum tat-traffiku li jghaddi minnhom u d-direzzjoni taghhom" - "**Lawrence Gauci -vs- Michael Angelo Dimech**", Qorti Civili, Prim' Awla, 2 ta' Gunju 1966 (**Kollez. Vol. L P II p 259**);

(iii) "Tali apprezzament ghandu jsir l-aktar, jekk mhux esklusivament proprju fil-kazijiet fejn ma hemmx sinjali li jindikaw l-importanza relativa tat-toroq ghaliex altrimenti wiehed irid jobdi d-direttivi moghtija" - "**Patrick Boffa -vs- Olga Mifsud**" Qorti Civili, Prim' Awla, 5 ta' Ottubru 1993;

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in disamina ghandu jkun ovvju illi gjaladarba fi Triq il-Kapillan Magri transitata mill-konvenut kien hemm *stop sign*, it-triq l-ohra Sant' Anna li minnha kienet ghaddejja l-konducenti l-ohra ma tistax ma titqiex bhala *major road* ghal Triq il-Kapillan Magri, ghallanqas f' dak l-inkrocju fejn avvera ruhu l'iskontru.

Li jfisser allura li l-attrici Beryl Pauline Jepsen kellha d-dritt ta' precedenza in kwantu kellha titqies bhala "*main road user*". Li jfisser ukoll illi fic-cirkostanzi lkonvenut kellu jitqies bhala "*side road user*", u allura, skond gurisprudenza konkordi kellu "l-obbligu li jcedi ghattraffiku fuq il-*main road*, u ghandu l-obbligu li jesplora tajjeb il-*main road* qabel ma johrog fiha u ghandu l-obbligu li jimxi *dead slow* u sahansitra iwaqqaf sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara" - "**Il-Pulizija -vs- Anthony Galea**", Appell Kriminali, 5 ta' Settembru 1953 (**Kollez. Vol.**

**XXXVII P IV p 1137**); “**Joseph Rizzo -vs- Paul Micallef**”, Appell Civili, 6 ta’ Dicembru 1974;

Issokta jigi precizat fuq din it-tematika illi “min ikun hiereg minn *side street* ghal *main road* ghandu l-obbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-*main road* u li jieqaf ghal kollox jew johrog *inching out*, u jassigura li t-triq hi libera. Is-*side road user* ghandu juza grad ta’ diligenza l-izjed gholja u vigilanza l-izjed qawwija, billi ghandu d-dmir icedi lit-traffiku li jkun fuq it-triq principali, ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba il-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha” - “**Mark Sammut -vs- Maryse Germaine del la Fargue**”, Appell Civili, 2 ta’ April 1976;

Minn dawn il-principji u konsiderazzjonijiet kollha titnissel certament il-presunzjoni, li tibqa’ dejjem s’ intendi *juris tantum* illi l-*main road user*, una volta kellu d-dritta, kellu jitqies li ma kienx responsabbli ghall-incident sakemm is*side road user* ma jippruvax illi l-*main road user* seta’ jigi kwalifikat bhala *main road abuser*. Dan ifisser illi kien jinkombi fuq il-konvenut illi jgib prova adegwata li l-kawza prossima tal-kollizjoni kienet ghal kollox jew in parti dovuta ghan-negligenza fis-sewqan tal-*main road user*, inkella, jekk ma jirnexxielux jaghmel dan, il-*main road user* jibqa’ sostenut mill-precitata presunzjoni. Ara “**Cecil Ellul -vs- Joseph Muscat**”, Appell, 6 ta’ Ottubru 1999;”

Illi mil-atti tal-kawza jirrizulta li ufficjalment kien hemm stop sign kemm ma’ l-art kif wkoll permezz ta’ tabella fl-inkrocju ta’ Triq Herakles ma’ Triq Ferritti u li jirregola s-sewqan ghall-traffiku hiereg minn triq Herakles biex jaqsam l-karreggjata ta’ Triq Ferritti.

Fi Triq Ferritti xi darba kien hemm sinjal simili izda dan gie *blacked out* biz-zebgha

T-Tribunal jidhirlu li dan huwa bizzejjed biex b’hemm jikkonkludi li din ma kienitx kollizjoni f’inkrocju bejn zewg toroq ta’ importanza ugwali izda li Triq Herakles kienet sekondarja f’dan l-inkrocju vis-à-vis traffiku gej minn Triq

Ferritti. B'hekk Tabone kien fit-Triq Sekondarja mentri Grech kien fit-triq principali.

Tabone jghid li dakinhar ta' l-incident kien hemm sinjal "STOP" miktub fit-triq minn fejn kien gej l-konvenut u esebixxa ritratti in sostenn. Dwar dan it-Tribunal jirrileva li l-incident sehh bil-lejl f'post fejn ma jirrizultax li kien hemm *street lighting*. Veru li l-kelma STOP tidher fir-ritratti a fol 29 et seq izda l-konvenut qed jikkontesta li dawn r-ritratti jirriflettu l-istat ta triq dakinhar ta' l-incident u f'kull kaz, din l-kelma ma tantx hija visibbli – ahseb u ara kemm kienet visibbli dak l-hin ta' l-incident.

Marki u sinjali fit-triq ghandhom jkunu cari u evidenti u sewwieq m'ghandux juza iktar minn *lookout* ordinarju biex jinduna bihom. Kieku l-konvenut waqaf, hareg mill-karozza u ma jfittex x'hemm fuq t-triq forsi kien jinduna bil-kelma STOP izda dan mhux ezami li huwa mistenni minn sewwieq. Is-sinjali ghandhom jkunu evidenti b'tali mod li sewwieq ghaddej bi speed normali ghandu jinduna bihom – sinjali ghandhom jkunu ferm evidenti (*in <u>plain</u> view* u mhux semplicement *in view*) u sewwieq m'ghandux joqoghod jfittixhom biex jsibhom.

Illi stabbilit li Tabone kien qed jsuq fi Triq Sekondarja u ried jittraversa Triq Principali, huwa kien obbligat li jieqaf, jesplora sew t-triq u johrog biss meta l-karreggjata tkun *clear*.

Tabone jammetti li kien jaf li hemm tabella u anke senjaletika mal-art li jordnawlu li jieqaf u ma waqafx. Huwa baqa' diehel fil-genb tal-karozza misjuqa minn Grech.

Illi ghalhekk Tabone huwa responsabbili ghal-incident.

Grech kien ghaddej mill-main road izda bhala "l-*main road user* m'ghandux, unikament ghax u bhala tali, xi brevett ta' immunita` minn kwalunkwe responsabilita` f'kull infortunju stradali li fih ikun koinvolt *side road user*" ("**Lawrence Montebello -vs- Vincent Gatt**", Appell Civili, 19 ta' Awissu 1966, **Kollez. Vol. L P I p 296**). Kif rilevat "il-*main*

*road user* ghandu wkoll joqghod attent fil-*cross roads* imma l-grad ta' diligenza li tinkombi lilu huwa ferm anqas" (**Kollez. Vol. XXXVII P IV p 1137**);"
Minn ezami tal-provi t-Tribunal ma jsib xejn x'jikkritika fis-sewqan tal-konvenut. Huwa kien qed jzomm fuq in-naha tajba tat-triq, ma jidhirx li kien ghaddej b'speed barra mis-soltu (tant l-vetturi spiccaw vicin hafna ta' fejn kien l-ispot of impact". Huwa kien gja sbokka fl-inkrocju meta Tabone dahal fih fil-genb. Jidher li huwa kien qed jsuq f'main road skond d-dritta tieghu – xejn iktar u xejn inqas.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-kawza prossima tal-kollizjoni hija unikament imputabbili ghas-sewqan ta' Tabone li, meta wasal fl-inkrocju in kwistjoni baqa' ghaddej bhal li kieku ma gara xejn. Huwa ma waqafx u ma esplorax sew t-triq qabel ma hareg. Illi ghalhekk, raggunta din il-konkluzjoni, il-konsegwenza logika hija li t-talba attrici kif dedotta ghandha tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------